MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 1530/1994/1

Perit **Frank Giordimaina Medici fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' Property Development Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ta' Property House, Mannarino Road, Birkirkara.**

**vs**

**Gaetano u Irene konjugi Abela**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata t-8 ta' Novembru, 1994, li permezz taghha l-attur nomine fuq indikat sintetikament espona s-segwenti;

1.1. Illi hu kreditur nomine tal-konvenuti fis-somma bilancjali ta' erbat elef Lira Maltin (Lm4,000.00), oltre l-imghax konsegwenzjali;

1.2. Illi l-ammont fuq indikat hu dovut ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni ta' diversi djar f' Misrah Kola, H'Attard, u fi Triq il-Bramel, is-Swieqi, liema xogholijiet saru fuq inkarigu tal-konvenuti;

1.3. Illi nonostante li interpellati bl-ittra ufficjali datata l-21 t'Ottubru, 1994, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

1.4. Illi ghalhekk l-attur nomine ma kellux alternattiva hlief li jaderixxi din il-Qorti biex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni,

din tiddispensa bis-smiegh tal-kawza *a tenur* tal-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u;

1.4.1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur nomine is-somma bilancjali t'erbat elef Lira Maltin, (Lm4,000.00), oltre l-imghax legali, ghal xoghlijiet li s-socjeta` attrici ghamlet in konnessjoni mal-kostruzzjoni ta' diversi djar f'Misrah Kola H'Attard u fi Triq il-Bramel, is-Swieqi;

1.4.2. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti;

2.0. Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Abela datata s-6 ta' Dicembru, 1994, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti;

2.1. Illi l-procedura odjerna hi preskritta *ai termini* tal-artiklu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li l-ahhar darba li l-attur nomine kien ghamel xi xoghlijiet ghall-konvenuti kien aktar minn sentejn (2) ilu;

2.2. Illi fil-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, l-ebda ammont m'hu dovut mill-konvenuti lill-attur nomine stante li x-xoghol kollu maghmul mill-attur nomine kien gie debitament lilu mhallas;

2.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat l-10 ta' Marzu, 1995, li permezz tieghu iddifferiet il-kawza biex tigi trattata l-eccezzjoni rigwardanti il-preskrizzjoni, (ara fol 11);

4. Rat id-digriet datat id-29 t'April, 1996, fejn gie ribadit l-iskop indikat fil-paragrafu precedenti, (ara fol 91);

5. Rat il-verbat datat l-1 ta' Gunju, 1998, fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad-data hemm indikata, (ara fol 125);

6.0. Rat is-sentenza parzjali datata t-30 ta' Gunju, 2000, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm indikati;

6.1. Cahdet l-eccezzjoni preliminari rigwardanti il-preskrizzjoni hemm indikata;

6.2. Iddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni fid-data hemm indikata, (ara fol 138);

6.3. Bl-ispejjez tal-istess rizervati ghal-gudizzju finali;

7. Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat l-14 t'Ottubru, 2002, li permezz tieghu hatret espert komputista hemm indikat, (ara fol 156);

8. Rat id-digrieti taghha datati l-20 ta' Marzu u t-12 ta' Gunju, 2013, li permezz taghhom, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 189 u fol 194);

9. Ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha esebiti;

10. Ezaminat ix-xhieda minnha mismugha;

11. Ezaminat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti rispettivament datati t-12 ta' Gunju u t-18 t'Ottubru, 2013, (ara fol 195 u fol 197);

12. Semghet it-trattazzjoin orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

13.0. Illi din is-sentenza hi issa indirizzata fuq il-meritu sollevat mill-istess procedura u sintetikament tista' tigi esposta bil-mod segwenti;

13.1. Illi din hi procedura originarjament inizjata bl-hekk imsejha procedura tal-giljottina, li nonostante l-precetti sollevati mill-artikli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-konvenuti thallew jipprocedu daqs li kieku

dawn il-provvedimenti qatt m'ezistew stante li pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom minghajr ma kienu debitament awtorizzati jaghmlu dan;

13.2. Illi konsegwentement, strettament l-istess konvenuti ghandhom jitqiesu daqs li kieku ghadhom fi stat ta' kontumacja;

13.3. Illi fil-meritu l-attur nomine qed jippretendi l-pagamenti bilancjali lilu dovuti ghas-servizzi minnu rezi lill-konvenuti;

13.4. Illi dawn jirrizultaw dovuti ghal xogholijiet kondotti mill-attur nomine biex il-konvenuti bnew diversi djar f'Misrah Kola, H'Attard u fi Triq il-Bramel, is-Swieqi;

13.5. Illi dan ix-xoghol kondott mill-attur nomine sehh u gie debitament ezegwit fuq inkarigu esplicitu tal-konvenuti, u sar fil-perjodu bejn l-1983 u l-1994;

13.6. Illi l-attur nomine kien jipprezenta lill-konvenuti b'rendikonti perjodici, li l-konvenuti kienu jhallsu wara li jivverifikawhom;

13.7. Illi dan ix-xoghol komplessiv kien jinvolvi l-bini ta' diversi *terraced houses* u *maisonettes*, flimkien ma' estensjoni ta' ufficini tal-fabbrika *Quality Meats* ta' *Racecourse Street*, il-Marsa, oltre l-immodernizzar ta' tlett (3) appartamenti li l-istess konvenuti ghandhom go Londra, l-Ingilterra;

13.8. Illi l-ammonti mitluba mill-attur nomine dejjem jirrizulta li kienu suffragati minn rendikont tekniku professjonali, sancit anke minn *accountant* li jirrizulta li kien jippresta s-servizzi tieghu liz-zewg kontendenti u ghalhekk fdat mit-tnejn li huma;

13.9. Illi dawn ir-rendikonti kienu jintbaghtu perjodikament, u l-konvenuti kienu jhallsu akkont ghas-servizzi lilhom prestati mill-attur nomine;

13.10. Illi x-xogholijiet *de quo* kienu terminati fl-1993 u kien ghad fadal li jigi effettwat il-pagament tal-ahhar bilanc dovut mill-konvenuti lill-istess attur nomine;

13.11. Illi r-rendikont tal-ammont dovut mill-konvenuti kif ipprezentat mill-attur nomine a fol 72 u 102 *et sequitur* jirrizulta li hu kemm wiehed ragonevoli kif ukoll dovut;

13.12. Illi l-allegazzjoni tal-konvenuti li huma kienu effettwaw il-pagamenti dovuti ma hiex suffrogata mir-rizultanzi stante li c-cekkijiet li l-konvenuti jirreferu ghalihom ma jiffigurawx li kienu ghax-xogholijiet indikati fil-procedura odjerna;

13.13. Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi tal-fehma li l-attur nomine ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrispingi l-ecezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti fuq il-meritu, (ghalkemm tqis li l-istess effettivament jirrizulta li huma kontumaci), taqta' u tiddeciedi li waqt li takkolji t-talbiet attrici:

DECIDE

13.13.1. Tikkundanna lill-konvenuti Gaetano u Irene konjugi Abela biex ihallsu lill-attur nomine fuq gia` riferit is-somma bilancjali t'erbat elef lira Maltin (Lm4,000.00), ekwivalenti ghal disat elef tlett mija u sbatax-il Ewro u disgha w erbghin centezmu, (€9,314.49), oltre l-imghax legali, ghal xogholijiet li s-socjeta` attrici ghamlet in konnessjoni mal-konstruzzjoni ta' diversi djar f'Misrah Kola H'Attard u fi Triq Bramel, is-Swieqi;

13.13.2. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuti fuq indikati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

# DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------